# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAĠISTRAT**
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Rikors Nru: 377/2022**
**Nru fuq il-Lista: 12**

**Greta Bartolo Parnis**

**vs**

**Anthony Cachia u Josephine Cachia**

**Illum 12 ta' Ġunju 2024;**

**Il-Bord**

Reġa' ra r-rikors tas-16 ta' April 2024[1] minn fejn, jidher, li qiegħed jintalab li dan il-Bord iwaqqaf is-smigħ tal-preżenti proċeduri sakemm jiġu deċiżi proċeduri oħrajn quddiem dan il-Bord diversament presedut bejn l-istess partijiet.

Reġa' ra d-digriet tiegħu tas-17 ta' April 2024[2].

---

[1] A fol 136 tal-proċess.
[2] A fol 139 tal-proċess.

Ra dak li seħħ fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2024[3] fejn il-proċeduri tħallew għad-digriet, wara lir-rikorrenti ngħataw żmien biex iwieġbu.

Ra r-risposta tar-rikorrenti mressqa fil-15 ta' Mejju 2024[4], fejn għar-raġunijiet hemm imfissra ingħad li din it-talba għandha tiġi miċħuda.

**Ikkunsidra**

Illi dan tal-lum huwa provvediment dwar talba magħmula mill-intimati għas-soprasessjoni ta' dawn il-proċeduri, pendenti l-eżitu ta' dak li qiegħed jiġi mitlub quddiem dan il-Bord, diversament presedut, f'kawża oħra bejn il-partijiet.

Illi permezz ta' rikors promotur mressaq fid-29 ta' April 2022[5], r-rikorrenti talbet li dan il-Bord isib li l-intimati ma jistgħux jivvantaw titolu ta' lokazzjoni fuq il-fond mertu tal-proċeduri u sabiex jordna l-eventwali żgumbrament tagħhom mill-istess. Dan qiegħda titolbu għaliex tgħid li hija armata b'sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali mogħtija fil-25 ta' April 2018 li sabet li l-intimati ma jistgħux jistrieħu fuq l-artikolu 12A tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk tgħid li qegħdin fil-fond bla titolu.

Illi permezz ta' risposta mressqa fit-18 ta' Novembru 2022[6], l-intimati, għar-raġunijiet tagħhom, jgħidu li huma għandhom dritt vestit favur tagħhom sabiex jibqgħu jgħixu f'dan il-fond.

---

[3] A fol 140 tal-proċess.
[4] fol 141 tal-proċess.
[5] A fol 1 tal-proċess.
[6] A fol 11 tal-proċess.

Illi mix-xhieda ta' Marbeck Spiteri[7], Assistent Reġistratur, jirriżulta li bejn l-istess partijiet hemm żewġ kawżi oħra, waħda pendenti quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili u oħra pendenti quddiem dan il-Bord diversament presedut. F'din l-aħħar kawża, li ġiet imressqa qabel dawn il-proċeduri, r-rikorrenti mxiet bil-proċedura tat-test tal-mezzi a tenur tal-artikolu 12B tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta. Jidher li din l-aħħar kawża twaqqfet u qiegħda tistenna l-eżitu ta' dawn il-proċeduri.

Illi dan wassal għar-rikors hawn issa eżaminat. Irid jingħad li r-rikors m'huwiex miktub bl-aktar mod feliċi għaliex bħal donnu l-intimati qegħdin b'xi mod jgħidu li qegħdin jitolbu li d-digriet ta' dan il-Bord kif impoġġi fil-proċeduri bin-numru 281/2019 (kawża test tal-mezzi) jiġi revokat, u fl-istess waqt, minn dak li seta jifhem dan il-Bord, qegħdin jitolbu li dan il-Bord jistenna sabiex jara jekk dak id-digriet huwiex sejjer jiġi revokat.

Illi mill-ewwel jingħad li sa fejn bħal donnu l-intimati qegħdin jitolbu li dan il-Bord kif impoġġi f'dawn il-proċeduri b'xi mod jirrevoka d-digriet ta' soprasessjoni magħmul hemm (fil-proċeduri l-oħra), huwa ċar li din it-talba ma tistax tintlaqa f'dawn il-proċeduri. Sa fejn imbagħad qegħdin jistiednu lil dan il-Bord sabiex jieqaf u jara x'sejjer jiġri f'dawk il-proċeduri, jidħlu s-segwenti osservazzjonijiet.

Illi mill-ewwel jingħad li s-soprasessjoni kien u għandu jibqa' mezzi verament straordinarju li għandu jingħata applikazzjoni dejjem ristrett għaliex minnu inniffsu jkun qiegħed iwaqqaf proċeduri. Fil-verita' talba bħal din lanqas ma hija parti mill-korp tal-liġi tagħna[8]. Għalhekk, is-soprasessjoni tista' b'mod

[7] Mogħtija fit-13 t' Marzu 2024 u tibda a fol 77 tal-proċess.
[8] Ara f'dan is-sens dak raġunat u deċiż fil-provvediment fil-proċeduri bl-ismijiet **Lawrence Cuschieri vs L-Onor Prim Ministru *et,*** mogħti mill-Qorti Kostituzzjonali nhar it-12 ta' Awwissu 1994.

eċċezzjonali tingħata meta tali smigħ fl-istess waqt ta' żewġ kawżi ma jkunx jista' jsir, iżda, billi hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali li kull kawża għandha tinstema sakemm tiġi maqtugħa, trid tingħata dejjem taħt kundizzjonijiet li għandhom ikunu serji biżżejjed biex dan isir[9]. Jingħad ukoll li dan it-twaqqif, huwa rakkomandat biss fil-każ meta jkun hemm lok għas-soluzzjoni ta' xi punt li minnu ta bilfors tiddependi l-kawża li sejra titwaqqaf[10]. Għalhekk ingħad li hemm lok dak hawn mitlub meta din tkun spedjenti[11].

Illi b'rispett, meta l-Bord japplika dawn il-prinċipji għal-fatti hawn eżaminati, ma jsibx li din it-talba timmerita akkoljiment. Dawn il-proċeduri ma jiddependux fuq l-eżitu finali tal-proċeduri l-oħra. Anzi, dak il-Bord kien korrett meta ssoprassjeda hemmhekk, fid-dawl ta' dawn il-proċeduri, għaliex huma **dawn il-proċeduri** li jistgħu jimpinġu fuq dak mitlub hemmhekk. Jekk dan il-Bord, għall-grazzja tal-argument, isib lir-rikorrenti għandhom raġun f'din il-kawża, allura huwa bil-wisq ovvju li l-kawża l-oħra sejra tmut mewta naturali. Bl-istess mod, jekk dan il-Bord isib li l-intimati għandhom raġun, allura mbagħad dik il-kawża l-oħra tkun tista' tkompli l-prosegwiment naturali tagħha sabiex jitwettaq it-test tal-mezzi u tingħata sentenza skond ir-riżultanzi tal-istess.

---

[9] Ara f'dan is-sens dak li ntqal fid-digriet fil-proċeduri fl-ismijiet **Valfracht Roro Line Ltd vs Kaptan Nikolaos Skiadas *noe***, mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-10 ta' April 2003.

[10] Fost diversi, il-Bord jissenjala dak raġunat u deċiż fil-provvediment mogħti fil-proċeduri bl-ismijiet **Kenneth Grima *noe* vs Monet Limited *et***, (Ċit Nru: 1338/2007) tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-11 ta' Ġunju 2023.

[11] Riċentement, il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) kellha okkażjoni terġa telenka r-rekwiżiti neċessarji sabiex talba bħal din tintlaqa. Fid-deċiżjoni tagħha fil-proċeduri bl-ismijiet **Charles Grech vs Spiridione Grech *et***, (Rik Nru: 385/2022/1) mogħtija nhar il-10 ta' Ottubru 2023, hija fakkret hekk: "*Għalhekk is-soprasessjoni hi ammessa meta: a. Din tkun spedjenti fis-sens li l-kwistjoni pendenti quddiem Qorti oħra tinfluwixxi fuq il-mertu tal-azzjoni preżenti; b. Meta l-eżitu tal-kawża li tiġi soprasseduta jkun jiddependi jew almenu jista' jkun jiddependi mill-eżitu ta' kawża oħra; c. Irid ikun hemm lok għal soluzzjoni ta' xi punt li tiddependi minn kawża oħra; d. Jekk il-parti l-oħra ma tkunx ser tbati preġudizzju; e. Hu biss neċessarju fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja peress li hija rimedju straordinarju.*"

Illi b'hekk il-Bord isib li t-talba ma timmeritax akkoljiment.

Għaldaqstant il-Bord qiegħed jiċħad it-talba tal-intimati kif mfassla fir-rikors tas-16 ta' April 2024.

L-ispejjeż ta' dan l-episodju huma riżervati għas-sentenza aħħarija.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur